**Għallimtni**

Kienet grazzja għal darb'ohra
Li nerġa’ nkellmek fuq l-iskrin,
Kemm tgħallimt li l-ħajja mrewha
Li jafha bir-reqqa l-Bambin.

Fil-ħajja hemm post imlaħlaħ
Għalkemm kollha kemm huma lwien,
Hemm l-abjad, l-iswed, l-oranġjo
Ilkoll fil-paletta taż-żmien.

Imma fosthom hemm lewn kurjuż
Li ħafna lanqas biss jaħmluh,
Hu l-griż, miskin hekk lewn xipli
Malli rawh aqta' kemm bgħaduh.

Għax hu l-lewn li jgagħlek temmen
Li fil-ħajja x'taqta' għad-dritt,
F'ċirkustanzi kkumplikati
Għaqal trid, u la tibqax fitt.

Il-ħajja taħlita mhawra
Li jagħmilha kull ingredjent,
Għax kull esperjenza tagħha
Taf tkun għalik ukoll ingwent.

L-aktar ħaġa wisq għalija
Hi li tħalli jgħaddi tant żmien,
Għax hu biss jaf iwa jsaffi
U jagħti l-ħajja f'kull imkien.

Wara kollox fuq kull ħlejqa
Hemm barka li wisq saħħittni,
Niżik ħajr li tajtni ħinek
U dan kollu int għallimtni.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Jannar 1025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.